MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 1561/2001/1

**Joseph George Cutajar**

**v.**

**Maria Victoria Cutajar**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-att tac-citazzjoni li l-attur ressaq fl-24 ta' Settembru 2001, li jaqra hekk:

"1. PREMESS illi f'jum it-Tnejn, sbatax ta' Settembru, tas-sena elfejn u wiehed (17.09.2001), meta l-kawza kienet numru tlieta (3) fuq il-lista, l-attur ottjena mis-

Sekond'Awla tal-Qorti Civili d-digriet relattiv kif moghti mill-Onorevoli Imhallef Joseph M. Filletti fejn is-Sekond'Awla laqghet l-ewwel talba tar-rikors numru 1858/01, intavolat nhar l-ghaxra ta' Settembru, tas-sena elfejn u wiehed (10.09.2001), u l-attur odjern gie awtorizzat jipprocedi kontra l-mara tieghu, ossia' l-konvenuta odjerna, inkonformita' mal-ligijiet ta' Malta u partikolari m'artikolu 37 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta: ara l-anness kopja awtentikata tad-digriet relattiv tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, datat it-Tnejn, sbatax ta' Settembru, tas-sena elfejn u wiehed (17.09.200.1), hawn indikat bhala dokument JGC 1.

“2. PREMESS illi odjernament l-attur Joseph G. Cutajar huwa Chartered Insurance Practitioner u Managing Director ta' socjeta` kummercjali AON Malta Limited, (Insurance Brokers u Risk Consultants), u f'dawn il-parametri l-attur ghalih personalment ma huwa sejjer jesigi ghal-ebda forma ta' retta alimentari da parti tal-konvenuta martu, purche' l-istess konvenuta taghmel l-istess ghal-ragunijiet li sejrin jigu ndikati fil-premessa sussegwenti.

“3. PREMESS illi l-konvenuta odjernament hija ic-Chairperson tas-socjeta' kummercjali Markamed Company Limited, numru tar-registrazzjoni C 10078 li giet irregistrata nhar l-erbatax ta' Novembru, tal-elf disa' mija tmienja u tmenin (14.11.1988), pero' li llum hija inkonformita' mal-Att li jirregola s-socjetajiet kummercjali tal-1995.

“4. PREMESS illi minn certifikat awtentikat mir-Registru tal-Kumpaniji rilaxxat mill-Malta Financial Services Centre, is-socjeta' kummercjali Markamed Company Limited fl-ghaxra ta' Settembru, tas-sena elfejn u wiehed (10.09.2001), jirrizulta illi ghandha kollox regolari sal-wiehed u tletin ta' Awissu, tas-sena elfejn (31.08.2000), indirizz tar-Registrazzjoni f'numru 8, Archbishop Gonzi Square, gewwa l-Kalkara, b'disat elef (9,000) ishma ta' lira il-wiehed, skond kif regolati mill-Memorandum & Articles of Association tal-istess socjeta' kummercjali, u fejn il-konvenuta b'indirizz f' "Ciklamina", Triq Straubenzee, it-

Turretta, il-Kalkara, ghandha tlett elef mija u hamsin (3,150) minn dawn l-ishma, li in effetto skond kif jirrizulta mill-Memorandum & Articles of Association tigi li ghandha wiehed u sebghin fil-mija (71 %) ta' dawn l-ishma li naturalment l-attur ghandu interess fihom peress li dawn issa jiffurmaw parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti.

“5. PREMESS illi l-Markamed Company Limited tamministra u tmexxi diversi propjetajiet immobiljari fosthom spizerija li tinsab fi Pjazza Arcisqof Gonzi gewwa l-Kalkara u maghrufha bhala Kalkara Pharmacy li tmexxi l-istess konvenuta li 'di frofessione' hija spizjara, u li kwindi dan ifisser li anke l-konvenuta m'ghandiex htiega li tircevi ebda forma ta' retta alimentari da parti tal-attur u kwindi b'referenza ghall dak li intqal precedentement, il-kontendenti konjugi Cutajar m'ghandhomx htiega li jmantnu jew jivversaw retta alimentari lill xulxin.

“6. PREMESS illi biex jissalvagwarda l-interessi tieghu appartenenti lil komunjoni tal-akkwisti fis-socjeta' kummercjali Markamed Company Limited bin-numru tar-registrazzjoni C 10078, l-attur talab u ottjena nhar il-Gimgha, erbatax ta' Settembru, tas-sena elfejn u wiehed (14.09.2001) f'nofs in-nhar neqsin hamsa ta' fil-ghodu (11.45 a.m.) il-Mandat ta' Inibizzjoni li jgib in-numru 2626 tas-sena kurrenti, kif iddegretat mill-Onorevoli Imhallef Joseph R. Micallef fl-istess jum, u fejn inter alia l-attur enfasizza sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti li minnhom l-ishma tas-socjeta' kummercjali ndikati jifformaw bazi flimkien ma ass ohra li jeccedu l-erbat elef lira Maltin (Lm4,000), u biex jissalvagwardja l-interessi tieghu bhala zewgt il-konvenuta fil-kuntest tal-proceduri odjerni ghall-firda legali bejn l-attur u l-konvenuta, huwa ottjena l-Mandat fuq imsemmi u fil-kuntest tal-procedura legali qed issir din il-kawza odjerna fit-termini preskritti mill-Ligi.

“7. PREMESS illi d-dokument tal-Memorandum & Articles of Association ta' Markamed Company Limited huwa hawn anness bhala dokument JGC2

“8. PREMESS illi mhux eskluz illi gja' la darba ghaddejjin dawn il-proceduri, l-attur ma jitlobx u jinghata

gharfien ta' tipi ohra ta' mandati fil-konfront tal-konvenuta odjerna u dana dejjem biex jigu salvagwardati l-interessi kollha fil-fatt u fid-dritt tal-istess attur.

“9. PREMESS illi l-kontendenti konjugi Cutajar inghaqdu fiz-zwieg it-tnejn li huma fl-eta' ta' seba' u ghoxrin (27) sena nhar Santa Marija, li kien il-Hamis, hmistax ta' Awissu, tas-sena elf disa' mija wiehed u disghin (15.08.1991) fil-Katidral ta' l-Imdina, gewwa l-Imdina Malta u dana skond ma jindika l-att taz-zwieg taghhom numru 1409/1991 rilaxxat mir-Registru Pubbliku ta' Malta, kopja awtentikata u mmarkata fl-elenku tad-dokumenti bhala dokument JGC3.

“10. PREMESS illi fid-disa' u hamsa u ghoxrin minuta (09.25 p.m.) ta' fil-ghaxija ta' nhar is-Sibt, ghoxrin ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (25.05.1995), gewwa l-Pieta fl-Isptar San Luqa (Karen Grech Hospital) twieled Mark, Joseph, Victor, John, Paul, Mario maghruf bhala MARK, iben l-attur Joseph Cutajar - General Manager li issa kellu wiehed u tletin (31) sena, u l-konvenuta Marvic (Maria Victoria) indikata bhala Pharmacist, issa wkoll wiehed u tletin (31) sena, b'dikjarazzjoni maghmula mill-istess attur bhala l-missier u dana skond in-numru ta' l-iskrizzjoni 2742/10/07/1995, rilaxxat mir-Registru Pubbliku fil-Belt Valletta - Malta, u hawn immarkat bhala dokument JGC4.

“11. PREMESS illi fl-erbgha u kwart ta' wara nofs in-nhar (4.15 p.m.) ta' nhar it-Tlieta, hamsa ta' Awissu, tal-elf disa' mija sebgha u disghin (05.08.1997), twieldet it-tieni tarbija tal-konjugi kontendenti li kienet tifla u li nghatat l-ismijiet Sarah, Marvic, Mimi, Lauren u li kellha tkun maghrufa bl-isem ta' SARAH, u dana lil genituri kontendenti konjugi Cutajar li issa kellhom rispettivament tlieta u tletien (33) sena kull wiehed u dana skond in-numru ta' l-iskrizzjoni 3106: tmintax ta' Awissu, tal-elf disa' mija sebgha u disghin (18.08.1997), skond kif jindika l-anness dokument JGC5, rilaxxat mir-Registru Pubbliku tal-Belt Valletta gewwa Malta.

“12. PREMESS illi, ghaldaqstant, jirrizulta manifestament li mir-relazzjonijiet intimi ta' bejnithom, il-konjugi Cutajar kellhom iz-zewgt itfal fuq indikati, li t-tnejn ghadhom minorenni, u kwindi din il-kawza trid tiddecidi wkoll fuq il-punti mportantissimi tal-kura u l-kustodja tal-minuri, u r-retta alimentari li kull wiehed mill-genituri skond il-mezzi u l-kondizzjoni socjali tieghu, fid-dawl ta' dak li tghid il-ligi, ghandhom jigu vversati fl-interess u ghall-ahjar gid tal-istess ulied minuri;

“13. PREMESS illi huwa fl-ahjar interess tal-ulied minuri illi mhux biss issir din is-separazzjoni legali bejn il-kontendenti konjugi Cutajar, imma li anke l-istess konvenuta tigi ordnata tallontana ruhha mid-dar konjugali li tinsab fil-Kalkara fil-fond maghruf bl-isem "Ciklamina", Triq Straubenzee, it-Turetta, fil-Kalkara, liema dar konjugali hija r-residenza idejali biex l-ulied minuri jitrabbew hemmhekk flimkien ma missier l-attur Joseph George Cutajar, filwaqt li l-konvenuta Marvic Cutajar ghandha diversi residenzi alternattivi fejn tista' tirrizjedi fosthom dik ma l-ispizerija li tmexxi hija stess fil-Kalkara fi Pjazza Arcisqof Gonzi, apparti milli l-konjugi Cutajar ghandhom residenza ohra bl-isem ta' "Antrose", fi Triq is-Simar, ix-Xemxija.

“14. PREMESS illi jkun ukoll opportun illi tigi likwidata l-Komunjoni ta' l-Akkwisti bejn il-kontendenti Cutajar *considerando* li l-ewwel u qabel kollox il-konvenuta tmexxi socjeta' kummercjali li gja' saret referenza ghaliha u li taghha hija ghandha wiehed u sebghin fil-mija (71%) mill-ishma li naturalment l-valuri taghhom jiffurmaw parti wkoll mill-Komunjoni ta' l-Akkwisti, u ghaldaqstant hija ghandha introjtu tajjeb hafna li m'ghandha bzonn l-ebda forma ta' alimenti da parti tal-attur, u da parti tieghu l-attur ghandu posizzjoni gholja immens f'kumpanija serjissima li kwindi l-kontendenti separatament jistghu facilment jirrinunzjaw ghal htiega ta' retta alimentari naha lejn ohra.

“15. PREMESS illi fost il-propjeta' immobbiljari li ghandhom il-kontendenti Cutajar hemm id-dar konjugali ossia' "Ciklamina", numru 3, Triq Straubenzee, CSP 10, (telephone number 692691), u residenza li tintuza ghall-

vellegjatura ossia' "Antrose", Triq is-Simer, Xemxija limiti ta' San Pawl il-Bahar (Telephone number 573542), liema zewg residenzi jintuzaw kontestwalment mill-konjugi Cutajar u ghaldaqstant huwa floku li d-dar konjugali tigi assenjata lill attur Joseph George Cutajar u ghall-ulied minuri, bl-allontanament ufficjali tal-konvenuta a bazi ta' artikolu 46 tal-Kodici Civili, filwaqt illi l-propjeta' fix-Xemxija ghandha jew tigi likwidata u wara li jitnaqqsu l-ispejjez ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-konjugi Cutajar, jew inkella tigi rispettata x-xewqa tal-kontendenti Cutajar kif tigi espressa fil-mori tal-kawza.

“16. PREMESS illi ghandha ssir referenza wkoll ghall-fondi immobiljari f'numru 25, Pope Alexander Street, gewwa Vittoriosa, liema propjeta' immobiljari qed issir ukoll referenza ghaliha fl-elenku tad-dokumenti fid-dokument JGC 6. Illi din il-propjeta' immobiljari ghandha wkoll tigi evalwata fil-likwidazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti malli jigi prodott il-kuntratt relattiv li jkun sehh, stante li d-dokument li qed jigi ezebit huwa biss il-konvenju li sar fil-hamsa ta' Settembru, tas-sena elfejn (05.09.2000).

“17. PREMESS illi *titto sommato,* fid-dawl tal-premessi suesposti, kif ukoll fid-dawl tad-Dikjarazzjoni Guramentata, dettaljata u twila tal-attur li tikkonsisti f'diversi pagni, imma li saret bi skop li tassisti l-Qorti biex jigu facilitati l-gbir tal-provi f'din il-kawza partikolari, huwa ovvju li kien hemm perjodi qawwija ta' turbulanzi fil-hajja matrimonjali tal-kontendenti konjugi Cutajar u li a bazi ta' artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attur huwa gustifikat biex f'ismu u ghan-nom taz-zewg uliedu minuri huwa jitlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti ta' martu l-konvenuta kontra tieghu bhala attur, jew kontra xi wiehed jew iehor jew iz-zewgt itfal taghhom ossia' Mark Joseph u Sarah, u anke minhabba li llum il-hajja flimkien m'ghadiex aktar possibbli ghaliex dan iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment, fosthom proprju incident serju li sehh ftit jiem qabel ma giet intavolata din il-kawza f'jum l-Indipendenza ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Settembru, 2001, fejn anke kellha tiddahhal il-pulizija;

“18. PREMESS dan kollu, ma hemmx skop ta' aktar tentattivi ghal possibilta' ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u kien ghalhekk li l-attur wara li ottjena d-debita awtorizzazzjoni skond il-ligi, iddecida li jintavola din il-kawza odjerna.

“19. PREMESS dan kollu, tghid il-konvenuta Marvic (Maria Victoria) Cutajar Borg Busuttil ghala din il-Wisq Onorabbli Qorti m'ghandiex tiffli, tevalwa, taqta, tiddecidi u tordna illi:

**“Talbiet**

“1. ghandha tigi moghtija b'sentenza l-firda personali bejn il-konjugi Cutajar b'mod illi tispicca formalment u ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta' bejn il-konjugi Cutajar li jibqghu jghixu flimkien a bazi ta' artikolu 35 tal-Kodici Civili;

“2. dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment minhabba tortijiet unici tal-konvenuta u partikolarment fid-dawl ta' artikolu 40, tal-Kodici Civili stante l-eccessi, l-mohqrija, it-theddid jew offizi gravi da parti tal-konvenuta kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal taghhom;

“3. il-hajja bejn il-konjugi Cutajar li jghixu flimkien m'ghadiex aktar possibbli billi dan iz-zwieg illum tkisser irremedjabilment minghajr l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni, b'tort unikament attribwibbli lil konvenuta Marvic (Maria Victoria) Cutajar Borg Busuttil;

“4. ghandha tigi likwidata l-Komunjoni ta' l-Akkwisti bejn il-kontendenti konjugi Cutajar, fis-sens illi ghajr ghal dak li sejjer jigi specifikat fir-rigward tad-dar konjugali u residenza tal-vellegjatura, kwalsiasi proprjeta' immobbiljari ohra ghandha tigi likwidata u r-rikavat minnha wara li jitnaqqsu l-ispejjez ghandu jigi mghoddi lil partijiet kontendenti fid-dawl u fil-proporzjon ta' kif jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti fir-rigward ta' min kien hati li dan iz-zwieg

illum sfuma fix-xejn ghajr ghal vinkolu matrimonjali, u fid-dawl tal-provi li jigu mressqa fil-mori ta' din il-kawza;

"5. iz-zwieg li allegatament sar bejn il-kontendenti Cutajar fil-Katidral tal-Imdina nhar il-Hamis, Santa Marija, 15 ta' Awissu, 1991, b'effett mis-sentenza rizultanti ta' din il-kawza, ghandha tigi mhabbra l-firda legali bejn il-konjugi Cutajar u dan fil-parametri tac-certifikat taz-zwieg taghhom li huwa ezebit fl-elenku tad-dokumenti ma din il-kawza odjerna;

"6. il-konvenuta Marvic (Maria Victoria) Cutajar Borg Busuttil ghandha ghal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt tigi ordnata titlaq mid-dar taz-zwieg maghrufha bl-isem ta' "Ciklamina", Triq Straubenzee, Kalkara u dana fl-ahjar interess tal-ulied minuri, ta' l-istabbilita' tad-dar konjugali, u anke sabiex l-attur ikun jista' jikkoncentra halli jrawwem kunfidenza fizika u psikologika f'uliedu u b'hekk tigi evitata t-tendenzi vjolenti u distruttivi psikologikament da parti tal-konvenuta kif hawn fuq indikata;

"7. il-konvenuta ghandha tivversa retta alimentari proporzjonabbli mal-qliegh li ghandha fil-hidma taghha tal-professjoni ta' spizjara ghaz-zewg uliedha minuri, u jekk ikun il-kaz anke ghall-istess attur fl-eventwalita' li l-konvenuta tirrifjuta li taqbel li tirrinunzja ghal obbligu tal-manteniment versu lejha da parti tal-attur;

"8. il-kura u l-kustodja taz-zewgt ulied minuri ossia' Mark Joseph Cutajar u Sarah Cutajar ghandhom jigu fdati f'idejn l-attur missierhom Joseph George Cutajar, u dan ghal ragunijiet li johorgu carissimi mid-dikjarazzjoni guramentata tal-istess attur ma din ic-citazzjoni odjerna, fil-mori ta' din il-kawza, u fuq kollox fl-ahjar u fl-interess suprem tal-istess ulied minuri stante li evidentement ommhom il-konvenuta ma hijiex il-persuna idonja li tiehu hsieb l-ulied minuri;

"9. il-konvenuta hija hatja tal-firda b'mod illi hija ghandha titlef il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 633(a), 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu li

tkun kisbet mill-attur b'donazzjoni bi hsieb ta' zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;

"10. Il-konvenuta ghandha titlef a bazi ta' artikolu 48, sub-artikolu (1) tal-Kodici Civili kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-attur wara data stabbilita mill-Oorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun ikkunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda, u dana a bazi tas-subartikolu (1), paragrafu (c) tal-artikolu 48, tal-Kodici Civili, Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"11. il-konvenuta ghandha titlef il-jedd li ggieghel lill-attur zewgha, f'kull kaz, li jivversalha l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

"12. din il-Oorti ghandha tapplika l-artikoli 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili, fid-diskrezzjoni tal-istess Onorabbli Oorti fid-dawl tal-provi li tkun evalwat fil-mori ta' din il-kawza;

"13. din l-Onorabbli Oorti ghandha tapplika fit-totalita' tieghu jew parti minnu l-effetti tal-artikolu 54 tal-Kodici Civili ghal dak li huwa obbligu tal-manteniment kemm fir-rigward tal-kontendenti konjugi Cutajar bejniethom, kif ukoll fir-rigward taz-zewgt itfal sakemm dawn jibqghu minorenni, u dan bit-tifsira u bl-estenzjoni kollha li jaghmel artikolu 54 f'dan ir-rigward;

"14. ghandu jkun applikat l-artikolu 55 tal-Kodici Civili fir-rigward meta tieqaf il-Komunjoni ta' l-Akkwisti u l-komunjoni l-ohra taht amministrazzjoni separata jekk ikun il-kaz, kwindi li ssir ix-xoljiment tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti u anke l-assenjazzjoni tal-propjeta' parafernali u dotali lil parti koncernata salv ghal dak li qed jintalab mill-attur f'dawn it-talbiet odjerni;

"15. ghandha tigi likwidata sehem l-attur fis-socjeta' kummercjali Markamed Company Limited li ghandha n-numru tar-Registrazzjoni C 10078, u giet irregistrata fl-erbatax ta' Novembru, tas-sena elf disa' tmienja u tmenin (14.11.1988), considerando li l-konvenuta hija c-Chairperson ta' din is-socjeta'

kummercjali, kif ukoll ghandha wiehed u sebghin fil-mija (71%) tal-ishma tal-istess kumpanija li naturalment nofs il-valur ta' dawn jappartjeni lill-attur bhala parti mill-istitut tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-konjugi;

“16. jigu likwidati li stocks li l-kontendenti konjugi Cutajar ghandhom ufficjalment irregistrati mal-Borza ta' Malta b'mod illi kull naha tiehu dak li gustament jappartjeni lilha fid-dawl tat-talbiet tal-attur kif hawn fuq suesposti;

“17. fil-likwidazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti ghandhom jigu assenjati skond il-provi li jittresqu l-vetturi bil-mutur Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni IAV 371 li tinsab f'isem Carmel V. Cutajar, il-Volkswagon Beetle bin-numru ta' registrazzjoni KAJ 616 li qeghdha f'isem il-konvenuta u l-lanca (ossia' boat) li ghandha n-numru ta' registrazzjoni 8-5291 u hija registrata f'isem l-attur, apparti minn vetturi ohra bil-mutur li jistghu jkunu fil-pussess, propjeta' Jew ghad-disposizzjoni tal-kontendenti konjugi Cutajar;

“18. ghandu jkun applikat artikolu 55(a) tal-Kodici Civili Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' malta fir-rigward tad-dar taz-zwieg li tinsab il-Kalkara maghrufha bl-isem "Ciklamina", Triq Straubenzee, It-Turretta, Kalkara, liema dar taz-zwieg ghandha tigi assenjata lill attur taht dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti u tordna u a bazi tal-provi mressqa u tas-sottomissjonijiet li jsiru fil-mori ta' din il-kawza odjerna;

“19. b'effett immedjat mill-ghoti ta' din is-sentenza odjerna fil-fazi ta' *'res judicata',* il-kontendenti jkunu hielsa li jaghmlu l-atti kollha civili u kummercjali tal-hajja privata, professjonali u ufficjali u socjali taghhom, minghajr il-htiega ta' ebda kunsens jew awtorizzazzjoni jew xi forma ta' indhil min-naha l-ohra;

“20. ghandhom ikunu applikati l-artikoli 56 u 57 tal-Kodici Civili fid-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti jekk ikun mehtieg f'din il-kawza odjerna;

“21. ghandu jkun applikat is-subartikolu 3 tal-artikolu 60 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens illi kull wahda mill-partijiet kontendenti fic-citazzjoni odjerna ma tkunx obbligata li thalli jew anqas tippretendi li tithalla bhala werrieta minn naha l-ohra;

“22. din is-sentenza tkun applikabbli fl-eventwalita' ta' utilita' ghat-tibdil ta' l-istatus civili ta' kull wahda mill-partijiet kontendenti konjugi Cutajar;

“23. ghandu jkun applikat is-subartikolu 2 tal-artikolu 62 tal-Kodici Civili, fis-sens li l-konvenuta ghandha tkun projbita milli tkompli tuza kunjom zewgha Cutajar wara s-separazzjoni peress li dak l-uzu jista' jkun ta' pregudizzju gravi ghar-ragel, l-attur odjern;

“24. ghandu jkun applikat l-artikolu 62 (a) tal-Kodici Civili, ghal mottivi u objettivi ndikati f'dak l-istess artikolu;

“25. ghandu jkun applikat l-artikolu 66 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-effetti tal-firda fil-konfront ta' terzi;

“26. l-attur m'ghandu jbati l-ebda forma ta' spejjez, stante li t-tort uniku tat-tkissir irrimedjabbli ta' dan iz-zwieg sar mill-konvenuta;

“27 ghandhom ikunu nominati kuraturi deputati biex jaraw li l-proceduri jkomplu miexjin fl-eventwalita' tal-kontumacja tal-konvenuta f'din ic-citazzjoni odjerna;

“28. din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti dawk il-provediment kollha opportuni li jidrilha xieraq li taghti u tordna biex jigu salvagwardati u enforzati l-ezitu tat-talbiet tal-attur kif hawn fuq suesposti f'din ic-citazzjoni odjerna.

“Bl-ispejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji, inkluz dawk ta' kwalsiasi procedura direttament jew indirettament konnessa mal-mertu ta' din ic-citazzjoni odjerna, kopranti l-ispejjez quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili u l-ispejjez konnessi ma atti gudizzjarji ohra fosthom il-

Mandat ta' Inibizzjoni, kontra l-istess konvenuta li minn issa tibqa' ingunta INSUBIZZJONI."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi l-ewwel talba tal-attur ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b'dan pero' illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti.

"2. Illi t-tieni u t-tielet talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda billi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba t-tortijiet tal-attur u ghalhekk ma huiex minnu illi l-konvenuta b'xi mod tat lok ghas-separazzjoni personali.

"3. Illi il-hdax it-talba hija opposta billi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjoni tal-Ligi citata mill-attur.

"4. Fir-rigward tal-kommunjoni tal-akkwisti u b'riferenza ghad-diversi talbiet tal-attur f'dan ir-rigward, huwa eccepit is-segwenti;-

"i). Ir-raba' talba ghall-likwidazzjoni tal-kommunjoni ma hiex opposta b'dana illi l-mekkanizmi mitluba fl-istess talba huma opposti billi huma ngusti u billi ma humiex ikkontemplati fil-Ligi.

"ii) L-ghaxar talba u it-tnax it-talba huma opposti billi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attur.

"iii) Il-hmistax it-talba hija opposta billi l-attur *personalment* ma ghandux ishma fis-socjeta' Markamed Limited. L-ishma f'din is-socjeta' talvolta appartenenti lill-kommunjoni tal-akkwisti ghandhom jigu inkluzi fil-likwidazzjoni tal-gid u d-dejn formanti l-istess kommunjoni

u assenjati flimkien mad-divizjoni tal-gid u dejn l-iehor form anti l-kommunjoni.

“iv) It-tmintax it-talba hija opposta billi l-Artikolu tal-Ligi citat mill-attur ma jikkontemplax l-assenjazzjoni tad-dar konjugali lil xi konjugi.

“v) Is-sittax it-talba u is-sbatghax it-talba ma humiex opposta, purche` id-divizjoni mitluba issir kontestwalment mad-divizjoni u l-assenjazzjoni tal-gid u dejn l-iehor formanti l-kommunjoni.

“5. Illi t-tmin talba u l-ghoxrin talba tal-attur huma opposti billi l-imgieba tal-attur hija tali illi ma jistax jigi affidat bil-kura u kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti Mark u Sarah. Kif jirrizulta mill-annessa dikjarazzjoni, l-attur ghazel illi sabiex b’xi mod javvanza l-pretenzjonijiet odjerni tieghu kontra l-konvenuta, ghamel illi seta’ biex zzomm lit-tfal minuri milli jgawdu l-ommhom. Dan l-agir ghandu jipprekludi lill-konvenut mill-affidament tal-kustodja tat-tfal billi b’ghemilu u minhabba pika mal-omm, gieghel lit-tfal jbatu emozzjonalment. Dan il-fattur ghandu jincidi wkoll fuq l-access eventwalment akkordat lill-attur.

“6. Illi s-seba talba tal-attur hija opposta sew ghaliex, kif gja eccepit, it-tfal minuri ghandhom jigu affidati fil-kustodja tal-eccipjenti ommhom u kif ukoll ghaliex il-mezzi tal-attur huma tali illi huwa ghandu jmantni lill-istess tfal minghajr assistenza ekonomika minghand l-eccipjenti, illi min-naha taghha tibqa' tippresta l-imhabba, l-kura u l-attenzjoni materna lil ulied kif dejjem ghamlet.

“7. Illi l-hames talba u id-dsatghax it-talba (safejn ikkontemplat mill-Ligi) tal-attur ma humiex opposti;

“8. Illi s-sitt talba hija opposta billi l-eccipjenti qatt ma tat lok ghall-ordni mitluba mill-attur u billi ukoll jisthoqq illi it-tfal minuri, illi ghandhom jigu affidati fil-kura tal-eccipjenti, jkomplu jghixu fid-dar tat-trobbija taghhom.

“9. Illi id-disa talba, it-tnax it-talba, it-tlettax it-talba, l-erbatghax it-talba u l-ghoxrin talba tal-attur huma opposti

billi l-eccipjenti qatt ma tat lok ghall-ordnijiet mitluba mill-attur u kien l-attur stess illi ta lok ghal firda bejn il-kontendenti. Konsegwentement d-dispozizzjonijiet tal-Ligi invokati mill-attur ma ghandhomx jigu applikati kontra l-eccipjenti.

“10. Il-wiehed u ghoxrin talba tal-attur hija opposta billi l-Artikolu 60 tal-Kodici Civili, citata mill-istess attur, jirregola separazzjonijiet konsenswali u mhux separazzjonijiet gudizzjarji.

“11. Il-hamsa u ghoxrin talba tal-attur hija opposta billi l-Artikolu 66 tal-Kodici Civili, citata mill-istess attur, jirregola c-cessazzjoni tal-effetti ta' separazzjoni wara rikonciljazzjoni u ma jistghax allura tigi applikata mill-Qorti f’dana l-istadju.

“12. It-tnejn u ghoxrin talba tal-attur ma hiex kontemplata mill-Ligi.

“13. It-tlieta u ghoxrin u l-erba u ghoxrin talbiet tal-attur huma opposti huma opposti billi l-uzu mill-eccipjenti ta' kunjom zewgha ma jista' jikkawza ebda pregudizzju lill-attur.

“14. Is-sitta u ghoxrin talba tal-attur hija opposta billi kif gja intqal kien l-attur illi mhux biss ikkawza d-disgwid matrimonjali izda ukoll ipprecipita dawn il-proceduri u ghamilha impossibbli illi ssir separazzjoni konsenswali bejn il-konjugi.

“15. Salv eccezzjonijiet ohra.”

2. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fit-23 ta’ Gunju 2011, li in forza taghha, iddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
“1. tilqa’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija tat-tnejn;

“2. tilqa’ t-talbiet numri erba’, hmistax, sittax, sbatax, tmientax, seba u ghoxrin u dstax, u xxolji l-komunjoni ta’ l-

akkwisti, tillikwidaha u tassenja fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

“3. tilqa’ is-sitt talba, wara l-gheluq tal-perijodu ta’ erba’ [4] snin kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

“4. tichad is-seba talba;

“5. tichad it-tmien talba u t-talba ghoxrin, u tordna li l-kura u kustodja tat-tfal minuri u l-access jigi regolat kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;

“6. tilqa’ it-talbiet numri disa’, ghaxra, hdax, tnax, tlettax u erbatax, fis-sens li tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost fl-intier tieghu ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16;

“7. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri 21, 22, 25 stante li huma superfluwi;

“8. tichad it-talbiet numri tlieta u ghoxrin u erba u ghoxrin, stante li ma jirrizultawx ir-rekwiziti ghall-applikazzjoni taghhom;

“L-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament u b’ mod ugwali bejn il-partijiet; izda tordna li – it-talbiet numri 1,2,3 u 5 jigu ntaxxati bhala talba wahda; it-talbiet numri 4, 15, 16, 17, 18, 27 u 19 jigu ntaxxata bhala talba wahda; it-talbiet numri 8 u 20 jigu ntaxxati bhala talba wahda; t-talbiet numri 23 u 24 jigu ntaxxata bhala talba wahda; u t-talbiet numri 9, 10, 11, 13 u 14 jigu ntaxxati bhala talba wahda; u in fine tordna li t-talbiet numri 21, 22 u 25 ma jigux intaxxata, stante li huma superfluwi.”

3. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**“L-Azzjoni**

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment tort tal-

konvenut fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;  kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

“Minn naha taghha l-konvenuta tattribwixxi t-tort tal-firda esklussivament lill-attur, u fil-kawza numru 339/02NC fl-ismijiet inversi, tghid li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba r-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 ta’ l-imsemmi Kap. imputabbli lill-attur.

**“Separazzjoni Personali**

“Illi l-partijiet izzewgu fil-15 ta’ Awwissu 1991, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Mark u Sarah, li twieldu rispettivament fil-25 ta’ Mejju 1995 u fil-5 ta’ Awwissu 1997, u li ghalhekk illum ghadhom minorenni.  Li l-inwkiet matrimonjali beda fis-sena 2000 sakemm iddetirjora fis-sena 2001, meta giet intavolata l-kawza odjerna.

“Illi in propozitu ghall-firda, il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-perit legali, u tikkondividi l-konkluzjoni tieghu, u cioe’ li “it-tifrik taz-zwieg gara minhabba sevizzi u atti ngurjuzi reciproci maghmula mill-partijiet lill-xulxin.” u li dan wassal ghat-tkisser irrimedjabbilment taz-zwieg.  Hija opportuna wkoll l-osservazzjoni tas-Social Worker B Calleja, li jikkonferma li l-partijiet ma jistghux ikunu fil-prezenza ta’ xulxin minghajr glied.

“Il-Qorti tosserva li l-egojizmu, l-insensittivita’ u l-pika da parti tal-partijiet fil-konfront ta’ xulxin johorgu bhala l-fatturi predominanti fl-inkwiet matrimonjali bejniethom; u l-komportament abbuziv konsegwenzjali huwa l-kagun tal-firda.  Inoltre, jirrizulta mill-provi li l-antagonizmu akut bejn il-partijiet, li ssussista wkoll fil-mori tal-proceduri odjerni, wassal lill-imsemmi B Calleja sabiex fix-xhieda tieghu jghid: “qtajt qalbi li dawn in-nies xi darba jistghu jiltaqghu minghajr ma jiggieldu.” [Vol.2 – fol.582].

“Jigi osservat ukoll li dan l-antagonizmu u l-pika esagerata bejn il-partijiet irrendihom insensittivi ghall-interessi ta’ uliedhom minuri, tant li, irrispettivament mill-hsara u s-

sofferenzi li kienu qed jikkagunaw lil uliedhom, huma kienu jiggieldu ma' xulxin anke fil-prezenza tat-tfal, nonostante li dawn kienu jkunu mwerwrin [vide xhieda WPC 156] u nonostante li l-istess tfal kienu qed jigu trawmatizzati b' dan l-inkwiet [vide rapport social worker].

**"Kura u Kustodja**

"Illi l-interessi tat-tfal jiddettaw f' dan il-kaz li dawn jibqghu jghixu ma' l-omm bid-dritt ta' access favur il-missier.

"Ghalhekk il-Qorti tordna li, filwaqt li l-kura u kustodja tat-tfal minuri tibqa' wahda kongunta bejn il-genituri, huma ghandhom jibqghu jghixu ma' l-omm, filwaqt li l-missier ikollu access ghat t-tfal kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-4.30pm sas-7.00 pm u kull nhar ta' Sibt/Hadd, b' mod alternat, mid-9.00 am sas-7.00 pm.  Fil-vakanzi skolastici, l-access jigi estiz tas-8.30 pm

"It-tfal ghandhom jingabru mill-missier mir-rezidenza taghhom, u jigu ritornati minnu fl-istess post.

**"Manteniment**
"Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taghamel referenza ghall-kontenut tas-sezzjoni ntestata mill-perit legali **"Kura u Kustodja, access u manteniment tal-minuri."** fil-pagni 18 u 19 tar-relazzjoni, u taddottah fl-intier tieghu.

"Illi ghalhekk l-attur hu ordnat jhallas lill-konvenuta s-somma ta' mija u tmien ewros, tnejn u erbghin centemzu [€108.42] fil-gimgha bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment ta' uliedu minuri, b' mod li meta t-tifel Mark isir maggjorenni, il-manteniment tieghu jghaddi fuq it-tifla Sarah, sakemm din issir maggjorenni, jew tibda tahdem b' introjtu regolari u adegwat.  Dan il-manteniment ghandu jkompli jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja kif murija fl-indici tal-gvern.

"Illi l-ispejjez edukattivi, u dawk ta' sahha li huma ta' natura straodrinarja, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**“Komunjoni ta’ l-Akkwisti**

“Illi l-Qorti qieghda tannetti mal-gudizzju odjern kopja tal-pagni 14 sa 21 tar-relazzjoni peritali [Appendici A – Vol.V fols.2038 sa 2045] peress li aktar ‘il quddiem f’ din is-sezzjoni ser issir referenza ghall-kontenut taghhom.

“Illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti tikkontjeni l-assi segwenti:

*“Attiv*

“1. Id-dar matrimonjali ‘Ciklamina’ Triq Straubenezee, Kalkara valutata fl-ammont ta’ €291,171.67;

“2. L-appartament ‘Antrose’ Triq is-Simar, Xemxija valutat fl-ammont ta’ €186,349.87, li fuqu hemm dejn mal-bank;

“3. Il-garage/store numru 25 Pope Alexander Street, Birgu valutat fl-ammont ta’ €23,293.73;

“4. Il-mobbli ezistenti fid-dar konjugali valutati fl-ammont ta’ €35,996.17 u mobbli ezistenti fl-appartament tax-Xemxija, valutati fl-ammont ta’ €7,271.93;

“5. L-oggetti tad-deheb/hagar prezjuz li huma ndikati fil-paragrafu 40[e] tar-relazzjoni, u li huma valutati fl-ammont komplessiv ta’ €6,911.25;

“6. L-stock tal-Gvern MSE 210528 fl-ammont ta’ €2,329.37;

“7. Il-kont bankarju man-Natwest [Jersey] li sad-29 ta’ Settembru 2000 kellu bilanc ta’ STG 1413.19;

“8. L-ammont ta’ 2905 ordinary class C shares fil-kumpanija Tarvel Tek Limited;

“9. Is-somma ta’ €75,884 formanti parti minn somma akbar ta’ €122,471.47 li hija ndikata fil-paragrafu 41[f] tar-relazzjoni peritali.

“In propozitu l-Qorti tosserva li l-attur joggezzjoni li s-somma ta’ €122,471 [LM52,577], li hu kien trasferixxa fuq il-kont ta’ missieru u li kienet tifforma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, tigi komputata fl-intier taghha fil-likwidazzjoni tal-komunjoni, u dan, kemm ghax hu kien ghamel l-ispejjez u nefaq parti minnha ghall-hajja u bzonnijiet ohra, kif ukoll ghax il-konvenuta minn naha taghha ma kinitx veritiera fit-tezi dwar l-introjtu annwali taghha mill-ispizerija u kienet evaziva fir-rigward tal-pozizzjoni finanzjarja tal-kumpanija, kif anke osservat mill-komputista John Bonnici fir-relazzjoni tieghu.

“Il-Qorti tikkonsidera li dawn l-ilmenti ta’ l-attur ghandhom grad ta’ validita’, b’ mod partikolari fid-dawl tal-konsiderazzjoni li t-tezi tal-konvenuta, li l-ntrojtu annwali taghha mill-ispizerija huwa biss ta’ €9,318 [LM4,000], hija fil-fehema tal-Qorti nverosimili. Ghalhekk, fid-dawl tal-premess il-Qorti qed tirriduci arbitrio boni viri s-somma li ghandha tinqasam bejn il-partijiet, fil-mument tal-likwidazzjoni fl-ammont ta’ € 75,884 [LM32,577] u minflok l-ammont ta’ € 122,471[LM52,577] fuq indikat.

“10. L-ispeed boat numru S 5291 b’ mutur outboard 50HP u trailer, valutati fl-ammont ta’ €2,096.44;

“11. Kontijiet bankarji fil-Bank APS.

*“Passiv*

“12. It-tlett kontijiet tal-loan mal-HSBC li huma ndikati fil-paragrafu 41 [l] tar-relazzjoni;

“13. Dejn favur l-attur fl-ammont ta’ €19,194.04 li hu ndikat fil-paragrafu 43. Il-Qorti taqbel mal-kontenut tal-paragrafi 42 sa 44.

*“Assenjazzjoni*

“Il-Qorti tordna li d-dar matrimonjali, il-flat tax-Xemxija, u l-effetti mobbli ezistenti kemm fid-dar kif ukoll fl-appartament, jinbighu fuq is-suq hieles fi zmien erba’ [4]

snin, u wara dan il-perijodu, jinbighu taht l-awtorizzazzjoni tal-Qorti – dejjem ghal prezzijiet mhux inferjuri ghall-ammonti fuq indikati.

“Illi l-garage/store wkoll ghandu jinbigh fuq is-suq hieles, izda fi zmien sena, u fin-nuqqas jinbigh taht l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghal prezz mhux inferjuri ghal valur tieghu fuq indikat.

“Illi r-rikavat tal-bejgh tal-fondi fuq imsemmija, wara li jithallsu minnu d-djun fuqhom, u d-dejn talvolta ezistenti mal-HSBC u li huma fuq indikati taht il-partita [12], u wara li tithallas lill-attur is-somma fuq indikata ta’ €19,194.04; ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

“Illi kull parti li millum thallas hi waheda l-pagamenti tal-loans u dejn tal-komunjoni, ghandha dritt ghar-rifuzjoni ta’ nofs il-pagamenti mhallsa minnha.

“Illi l-konvenuta qed tigi awtorizzata tabita fid-dar matrimonjali,flimkien ma’ l-ulied tal-partijiet, ad eskluzjoni ta’ l-attur tul il-perijodu ta’ erba’ snin. Minn naha tieghu, b’ sens ta’ ekwita’, izjed minn ta’ ligi, l-attur qed jigi awtorizzat jabita fil-flat tax-xemxija ghall-istess perijodu ta’ erba’ snin. Gheluq dan il-perijodu, u permezz tal-gudizzju odjern il-konvenuta qed tigi ordnata li tivvaka id-dar matrimonjali li allura ma tibqax titqies aktar bhala tali, filwaqt li l-attur hu ordnat li jivvaka l-flat fuq indikat.

“Illi fir-rigward tal-kumplament tal-assi tal-komunjoni, il-Qorti tordna li dawn jigu divizi wgwalment bejn il-partijiet, inkluz ghalhekk ir-rikavat mill-bejgh ta’ l-ispeed boat li wkoll qed jigi ordnat il-bejgh taghha.

“Illi rigward l-oggetti tad-deheb/hagar prezjuz fuq indikati fil-partita [5], il-Qorti tordna li dawn l-oggetti jibqghu fil-pussess tal-konvenuta filwaqt li din hi ordnata li tirrifondi lill-attur nofs is-somma hemm indikata, u cioe’ l-ammont ta’ €3,455.625.

“Illi noltre b’ referenza ghal paragrafu [k] ta’ l-istess relazzjoni peritali, il-Qorti tordna li l-bilanc ta’ flus fil-

kontijiet ezistenti fil-bank APS, ta’ LM5,338, LM458 u LM235 [Vol.1 – fols.336 sa 338], bl-imghax bankarju mizjud, jigu divizi wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

“Illi noltre qed issir rizerva dwar id-drittijiet li l-konvenuta jista’ jkollha rigwardanti sehemha dwar l-interessi ndikati fin-nota taghha, izda li dwarhom ma kellhiex informazzjoni bizzejjed.

“Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi 41[b][c][e][h][i][j][m] tar-relazzjoni peritali, u taddotta l-kontenut taghhom.

“In fine il-Qorti tiddeplora serjament il-mod verbuz li bih gie redatt l-att tac-citazzjoni, partikolarment il-mod kif hafna talbiet gew spezzettati nutilment, uhud minnhom anke rrizultaw manifestament superfluwi. Dan irrizulta f’ telf ta’ hin tal-Qorti.”

4. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

“... ... tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta’ Gunju 2011 fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi tikkonfermaha inkwantu laqghet l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames talba tal-attur appellat u ppronunzjat s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ukoll bi htija tal-appellat; inkwantu laqghet it-tmien talba u t-talba numru ghoxrin, inkwantu fdat il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti lill-appellanti; inkwantu cahdet is-seba’ talba tal-attur appellat; inkwantu cahdet it-talbiet numri tlieta u ghoxrin u erbgha u ghoxrin tal-attur appellat, u inkwantu cahdet it-tmien talba u t-talba ghoxrin, u inkwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri wiehed u ghoxrin (21), tnejn u ghoxrin (22) u hamsa u ghoxrin (25) u inkwantu ordnat li t-talbiet numri 1, 2, 3 u 5 jigu ntaxxati bhala talba wahda; it-talbiet numri 4, 15, 16, 17, 18, 27 u 19 jigu ntaxxata bhala talba wahda; it-talbiet numri 8 u 20 jigu ntaxxati bhala talba wahda; it-talbiet numri 23 u 24 jigu ntaxxata bhala talba wahda; u t-talbiet numri 9, 10, 11, 13 u 14 jigu ntaxxati bhala talba

wahda; u in fine ordnat li t-talbiet numri 21, 22 u 25 ma jigux intaxxata, stante li huma superfluwi; tikkonfermaha wkoll inkwantu u xoljiet l-komunjoni tal-akkwisti u inkwantu laqghet it-talbiet numri disa', ghaxra, hdax, tnax, tlettax u erbatax, fis-sens li applikat fil-konfront tal-attur appellat id-dispost fl-intier tieghu tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16; izda tirrevokaha inkwantu laqghet l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames talba tal-attur appellat, u ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet, ukoll bi htija tal-appellanti; inkwantu laqghet it-talbiet numri erbgha, hmistax, sittax, sbatax, tmintax, sebgha u ghoxrin u dsatax, u illikwidat il-komunjoni tal-akkwisti u assenjatha fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni tal-Akkwisti' tal-istess sentenza appellata; inkwantu laqghet is-sitt talba, wara l-gheluq tal-perjodu ta' erba' [4] snin kif hu stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni tal-Akkwisti' tas-sentenza appellata; inkwantu ordnat li l-access jigi regolat kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja' tas-sentenza appellata, inkwantu laqghet it-talbiet numri disgha, ghaxra, hdax, tnax, tlettax u erbatax, fis-sens li applikat fil-konfront tal-appellanti d-dispost fl-intier tieghu tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16; u inkwantu ordnat illi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati konguntivament u b'mod ugwali bejn il-partijiet; u minflok tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba l-htija tal-attur appellat, u filwaqt illi tordna illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri tigi fdata lill-appellanti, tordna illi l-access tal-attur appellant ghat-tfal minuri jigi ezercitat biss f'hinijiet illi jigu appozitament fissati minn din l-Onorabbli Qorti, tenut ta' dak li gie rilevat f'dan l-appell u li fir-rigward tal-minuri Mark u in vista tal-eta` tieghu, tali access jigi ezercitat bi ftehim bejn l-attur appellat u l-istess minuri minn zmien ghal zmien; mill-gdid tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti wara li tqis is-sottomissjonijiet maghmula f'dan l-appell u tassenja lill-kontendenti l-porzjonijiet spettanti lilhom tal-istess komposti kif inhu propost u sottomess f'dan l-appell, jew komposti xort'ohra kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti; tordna illi, f'kaz illi l-proprjeta` gewwa Kalkara, gia` d-dar konjugali, ma tkunx inkluza mas-sehem ossija porzjoni tal-gid komuni assenjat lill-appellanti, kif minnha propost, tordna illi l-appellanti,

flimkien mal-ulied tal-familja, jibqghu jghixu fl-istess dar sa zmien sena wara li t-tfal it-tnejn ma jibqghux jghixu hemm, jew ghal zmien iehor illi jigi stabbilit minn din l-istess Qorti, tiddikjara illi ma hemmx lok ghall-applikazzjoni kontra l-appellanti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 u tordna illi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur appellat."

5. Rat ir-risposta tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, stqarr illi s-sentenza appellata timmerita konferma u l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanta;

6. Rat l-appell incidentali tal-istess attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"... ... tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti datata 26 ta' Gunju 2011 fl-ismijiet premessi billi tordna li s-somma ta' €122,471.47c (Lm52,577) li giet depozitata fl-akkont bankarju numru 40010527669 mal-Bank of Valletta plc bejn April 2001 u Gunju 2004 tigi assenjata kollha lill-appellat, u l-attrici ma jkollha l-ebda sehem minnha, filwaqt li s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi konfermata fil-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi u tal-appell incidentali kontra l-attrici."

7. Rat ir-risposta tal-konvenuta appellanti ghall-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, eccepiet illi l-appell incidentali tal-appellat ghandu jigi michud bl-ispejjez u s-sentenza appellata kkonfermata f'dak li tirrigwarda l-meritu tal-appell incidentali interpost mill-appellat;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

9. Illi din hi kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li zzewgu fil-15 ta' Awwissu 1991, mil-liema zwieg twieldu

zewgt itfal, Mark li llum ghandu 17-il sena (dan jaghlaq 18-il sena f'Mejju ta' din is-sena 2013) u Sarah, li illum ghandha 15-il sena. L-ewwel Qorti, li stharrget il-kaz bl-assistenza ta' diversi periti legali u teknici, ipprununzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet wara li sabet li t-tnejn kienu responsabbli fi grad indaqs ghall-firda. Hi, imbaghad, ipprovdiet dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, l-access relattiv u hlas ta' manteniment; l-istess Qorti pprovdiet ghall-okkupazzjoni tad-dar matrimonjali u ordnat il-bejgh b'licitazzjoni tal-maggor parti tal-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

10. Il-konvenuta appellat mis-sentenza u ressqet is-segwenti aggravji: (1) li r-responsabbilta` ghall-firda ghandu jinxtehet esklussivament fuq zewgha; (2) li l-manteniment ghat-tfal ghandu jkun aktar; (3) li l-access akkordat lill-missier ta' fost il-gimgha mhux prattiku; (4) li hi ghandha tithalla in okkupazzjoni tad-dar matrimonjali mhux ghal erba' snin biss, izda sakemm iz-zewg uliedha "jiksbu l-indipendenza taghhom", u (5) li l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ghandhom jinqasmu u mhux jinbieghu b'licitazzjoni. L-attur ressaq appell incidentali dwar somma ta' €122,471.47c li jrid jzommha kollha ghalih u mhux tigi maqsuma bejn il-partijiet.

11. Trattat l-ewwel aggravju tal-appellanti, il-konvenuta ssostni li z-zwieg tkisser ghax zewgha l-attur abbanduna d-dar u l-familja u mar jghix ma' mara ohra. Din il-Qorti ezaminat il-provi fuq dan il-punt u tara li ghalkemm dak li tallega l-appellanti jista' jkun minnu, ma kienx dan l-abbandun li wassal ghat-tifrik tal-familja. L-inkwiet bejn il-partijiet kien ilu gej, u kollox jirrizulta mic-cirkostanzi li l-partijiet ma kienux jafdaw lil xulxin. Da parti tal-mara, per ezempju, mill-provi johrog li r-ragel ried li huma t-tnejn jifthu spizerija, izda l-mara u niesha, minn wara dar zewgha, fethu spizerija huma. Wara z-zwieg, riedet li l-kontijiet bankarji jigu mibdula f'*joint accounts*, u hekk sar, pero`, hi qatt ma ddepozitat sold fl-istess *accounts*. Hi kienet tpoggi l-flus u d-dhul taghha go kont f'isem ommha. Eventwalment, anke r-ragel beda jiddepozita l-paga tieghu f'kont intestat lill-missieru. Hemm xhieda li jghidu li l-konvenuta mhix mara ordinata u hija ghazziena, ma kinitx

tahsel il-hwejjeg ta' zewgha u kienet ukoll ripettutament tghajjru, tinsulentah u ddejqu. Hekk, l-attur jghid li kienet tixghel id-dawl tal-kamra tas-sodda waqt li jkun rieqed, tistahbilu fil-*basement* tad-dar biex tahsdu meta jkun qieghed fl-istudju jew idahhal xi affarijiet mill-karozza, u tahsdu waqt li jkun rieqed b'xi tahbita vjolenti fuq il-bieb tal-kamra tas-sodda jew tixghel it-televizjoni jghajjat; darba minnhom tefghatlu lit-tifla Sarah li kienet ghada tarbija fuq wiccu waqt li kien rieqed. Il-konvenuta tichad dawn l-affarijiet, pero`, mill-atti ma tantx tidher li hi mara affidabbli. Hekk, per ezempju, meta kienet qed tixhed dwar diskrepanzi fil-kotba tal-kumpanija Markamed Co. Ltd, il-perit komputista esprima l-veduta illi l-komportament taghha f'dan ir-rigward ihalli wiehed x'jifhem li hi ghandha x'tahbi. Veduta simili esprimieha wkoll il-perit legali li sema' l-provi fil-kaz.

12. Il-konvenuta ppruvat takkuza lill-zewgha b'vjolenza domestika, u kienet taghmel diversi rapporti mal-pulizija b'allegazzjonijiet ta' swat u xebghat, rapporti li ma jidhirx li kellhom xi ezitu. Fil-fatt darba minnhom girfet wiccha hi stess biex ikollha ferita x'turi lill-pulizija u ghamlet rapport kontra zewgha dwar dan l-"incident"; kien pero`, binha stess li kixef il-verita` quddiem il-pulizija.

13. Fid-dawl ta' dan kollu, u hafna cirkostanzi ohra li jinsabu deskritti fl-atti, din il-Qorti ma tistax tasal biex tehles lill-konvenuta minn kull responsabbilta` ghal firda. Bejn il-koppja hemm certu antagonizmu u pika li hija rizultat tal-fatt li l-partijiet dahlu ghaz-zwieg *with caution*, fis-sens li ma kienux lesti jerhu lill-xulxin f'idejn il-parti l-ohra, u, mghejunin mill-familjari, zammew ruhhom kawti u 'l boghod milli jaghtu fiducja f'xulxin. B'hekk, inholqu hafna sigrieti u suspetti, bir-rizultat li kull parti bdiet tahseb fiha nnfisha milli fil-familja bhala unita`. Kienet, ghalhekk, korretta l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li t-tifrik taz-zwieg gara minhabba sevizzi u atti ngurjuzi reciproci maghmula mill-partijiet lil xulxin. L-attur mhux qed jikkontesta l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li hu jahti fi grad ta' nofs ghal din il-firda, u din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, ma tarax li ghandha tezonora lill-konvenuta minn sehemha ghal din il-firda.

L-ewwel aggravju qieghed, ghalhekk jigi michud.

14. It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju jdur fuq l-interess tal-koppja vis-à-vis it-tfal. Marbut ma' dawn l-aggravji, hemm rikors tal-attur (datat 1 ta' Lulju 2012) li jemani mic-cirkostanza l-gdida li, fil-mori ta' dan l-appell, it-tifla Sarah marret tghix ma' missierha. L-attur qed jitlob illi, fid-dawl ta' din ic-cirkostanza 'l gdida, l-ordnijiet tal-ewwel Qorti dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri ghandhom jigu mibdula. Dan sehh f'Dicembru tal-2011, meta t-tifla telqet mid-dar ta' ommha u marret tghix ma' missierha. Il-konvenuta taqbel li, bhala fatt, hekk gara, pero`, tghid li dan ma jfissirx li hi qed tacceta dan l-istat ta' fatt.

15. L-ewwel Qorti ddecidiet illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tibqa wahda kongunta bejn il-genituri, izda ghandhom jghixu mal-omm; ordnat ukoll lill-attur ihallas €108.42 fil-gimgha bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment ta' uliedu minuri. L-attur ma ressaq ebda appell minn din il-parti tas-sentenza, u l-konvenuta trid li l-manteniment jizdied.

16. Din il-Qorti tara li fejn jidhlu l-interessi tal-minuri tista' taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha li jkunu fl-ahjar interess taghhom. L-Artikolu 56(3) tal-Kodici Civili jaghti fakolta` lill-Qorti taghti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, ghalkemm fl-azzjoni ghaliha ma tkun saret ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied, u, b'mod aktar generali, l-Artikolu 149 tal-istess Kodici Civili jiddisponi illi:

*"149. B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta` ta' persuna li tkun taht l-eta` kif jidhrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel."*

17. Din il-Qorti rat ukoll li l-konvenuta ghandha spizerija u ghandha dhul mill-kumpanija Markamed Ltd. Hi tghid li ghandha dhul ta' Lm400 gross fix-xahar, waqt li zewgha, li hu Managing Director f'AON Malta Ltd, kumpanija ta' assigurazzjoni, jaqla madwar Lm23,000 gross fis-sena. Il-

perit legali, anke fid-dawl ta’ dak li rrelata l-perit komputista dwar il-komportament tal-konvenuta meta kienet qed tixhed dwar il-kotba tal-kumpanija, stqarr li hu “ma jemminx” li l-konvenuta ghandha biss id-dhul minnha dikjarat fl-affidavit taghha.  Din il-Qorti tara li, f’kull kaz, jidher li z-zewg partijiet huma obbligati u, fil-fatt, jistghu jmantnu lill-uliedhom bil-mezzi individwali taghhom, u hadd ma hu mehtieg li jkollu assistenza mill-parti l-ohra ghal dan il-ghan.  Kwindi, tara li ghandha taccetta s-suggeriment tal-attur u tipprovdi fuq it-tfal fis-sens li gej:

(i) tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Mark lill-konvenuta, b’obbligu li din tiehu hsieb hi ghal bzonnijiet kollha tieghu, inkluz sahha u edukazzjoni, minghajr ebda kontribuzzjoni minn zewgha;

(ii) tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Sarah lill-attur, b’obbligu li dan jiehu hu hsieb ghal bzonnijiet kollha taghha, inkluz sahha u edukazzjoni, minghajr ebda kontribuzzjoni minn martu;

(iii) peress li l-minuri illum huma maturi (it-tifel ghandu 17-il sena u t-tifla 15) taqbel mal-konvenuta li ma jkunx prattiku li jigi ffissat access ghal matul il-gimgha, u tordna allura li l-access matul il-gimgha jkun liberu skont kif jiddeciedu l-minuri, b’dan, pero`, li kull nhar ta’ Sibt/Hadd, b’mod alternat, mid-9:00am sas-7:00pm, iz-zewgt itfal jiltaqghu ghand genitur wiehed, fis-sens, li jekk f’gimgha, is-Sibt, il-tifel imur mal-missier, il-Hadd, it-tifla tmur mal-omm, u l-gimgha ta’ wara, is-Sibt, it-tifla tmur mal-omm, u l-Hadd, it-tifel imur mal-missier.  B’hekk, l-ahwa jiltaqghu flimkien almenu darba fil-gimgha, u kull genitur ikollu liz-zewg uliedu mieghu mqarr darba kull gimgha.  It-tfal jidher li sabu n-nicca taghhom, bit-tifel dalwaqt jaghlaq 18-il sena u jkun jista’ jfendi ghal rasu. Dan il-provvediment qed jinghata fid-dawl tac-cirkostanzi attwali, b’rizerva li l-Qorti kompetenti tvarja dan l-arrangament, fl-ahjar interess tal-minuri, jekk ic-cirkostanzi jinbidlu u hekk ikun jidher opportun li jsir.

18. Fid-dawl ta’ dak li ghadu kemm gie deciz, din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja l-ordni tal-ewwel Qorti li

ppermettiet lill-konvenuta tibqa tghix fid-dar matrimonjali ghal zmien erba' snin. Hi trid li tibqa gewwa d-dar sakemm l-ulied jiksbu l-indipendenza taghhom. Meta tqis, pero`, li t-tifla marret tghix ma' missierha (u ilha hemm aktar minn sena) u t-tifel dalwaqt jghalaq 18-il sena, tara li erba' snin hu aktar minn bizejjed ghal dan l-iskop. Il-konvenuta tghid ukoll li d-dar matrimonjali hija biss hames minuti 'l boghod bil-karozza mill-ispizerija fejn tahdem, pero`, ghall-kumdita` taghha m'ghandux zewgha jigi mcahhad minn sehem tal-istess fond. Erba' snin mil-lum, ikun ifisser li t-tifel ikollu madwar 22 sena, u jaghzel hu fejn u ma' min imur joqghod u zgur mhux se jbati "trawma" gdida jekk ma jibqax joqghod il-Kalkara.

19. Kwindi, it-tieni u r-raba' aggravju tal-konvenuta qed jigu michuda, u fil-kuntest tat-tielet aggravju, qed tipprovdi kif aktar qabel ipprecizat f'din is-sentenza.

20. Ghar-rigward tal-ahhar aggravju tal-konvenuta, hu veru li, bhala principju, meta hu possibli li ssir il-qasma n-natura, ma ghandiex tigi ordnata l-licitazzjoni. L-Artikolu 510 tal-Kodici Civili jistabilixxi li l-ishma jridu jigu mtellghin bix-xorti, izda l-konvenuta trid li l-qasma ssir b'assenjazzjoni kif ippropona l-perit legali.

21. Nonostante r-regoli ta' kif tigi terminata l-komunjoni, jibqa dejjem miftuh ghal Qorti li tqis ic-cirkostanzi jew fatti speci partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha qabel ma tapplikahom awtomatikament – ara **Azzopardi v. Zammit**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru 1962 (ara wkoll Kollez. Vol. XXXIII.II.32 u 190).

22. Fid-dawl tac-cirkostanzi tal-proprjetajiet, u biex jigi evitat hlas ta' ekwiparazzjoni, li kemm jista' jkun ghandu jigi evitat, din il-Qorti tara li ghandha taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn ordnat il-bejgh, wara erba' snin, tad-dar matrimonjali, tal-*flat* tax-Xemxija u tal-effetti mobbli ezistenti fiz-zewg fondi, u wara sena, tal-*garage/store* f'Vittoriosa. Biex jigi evitat li xi parti 'aktar b'sahhtu' mill-ohra jiehu xi vantagg minn dan (ghalkemm, fil-verita`, din il-Qorti ma tarax li hemm xi parti aktar b'sahhtu ekonomikament mill-parti l-ohra), biza' espressa mill-

konvenuta, qed tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti li, fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, dawn il-proprjetajiet ma jinbieghux bi prezz inferjuri ghall-ammonti indikati fl-istess sentenza.

23. Kif intqal, din il-Qorti ddecidiet li z-zewg partijiet jahtu ghal firda ta' bejniethom, u jkun gust li din il-proprjeta` tinbiegh kif stabbiliet l-ewwel Qorti. Hemm allegazzjonijiet varji dwar cirkostanzi tal-proprjeta` (per ezempju li d-dar tal-Kalkara hi hielsa minn ipoteki fuqha, waqt li l-appartament tax-Xemxija mhux; li quddiem l-appartament tax-Xemxija jista' jinbena *block flats* – hemm applikazzjoni ghall-izvilupp pendenti – li jista' jnaqqas drastikament il-valur tieghu), u, ghalhekk, ikun jaqbel li dawn jinbieghu meta u kif ordnat l-ewwel Qorti biex hadd ma jiehu vantagg fuq haddiehor. Jekk il-partijiet ma jikooperawx ghal bejgh ta' din il-proprjeta` wara z-zmien koncess mill-ewwel Qorti (li ghandhom jitqiesu li jibdew jidekorru mil-lum), kull parti hija awtorizzata titlob il-bejgh tal-proprjeta` skont il-ligi u taht l-awtorita` tal-Qorti, ghal-liema irkant ikunu invitati oblaturi barranin.

Il-hames aggravju tal-konvenuta qieghed ghalhekk jigi michud.

24. Fir-rigward tal-appell incidentali tal-attur, din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti qieset l-ilment tal-attur fir-rigward u pprovdiet billi allokat parti mis-somma lill-attur u b'hekk naqqset l-ammont li ghandu jinqasam bejn il-partijiet. L-attur irid jiehu s-somma kollha, pero`, meta tqis li l-kont fejn tinsab depozitata s-somma inkwisjtoni kien infetah mill-attur bil-mohbi tal-konvenuta, li fih kien jigi depozitat is-salarju tal-attur, u li l-ewwel Qorti qieset dan il-kont fil-komplessita` tal-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, ma jkunx gust li din il-Qorti tvarja l-uzu ta' diskrezzjoni mill-ewwel Qorti fir-rigward.

25. Fil-kuntest tal-komunjoni tal-akkwisti, l-attur, b'rikors datat 28 ta' Settembru 2012, gab a konjizzjoni ta' din il-Qorti li fid-19 ta' Lulju 2011, l-iskola li fiha jattendi l-minuri Mark, immexxija minn St. Martin's Foundation, harget *cheque* ta' €1,048.22c pagabbli liz-zewg partijiet; ic-

*cheque* issarraf mill-konvenuta u zammet il-flus kollha hi. Il-Qorti tara li, ghalkemm seta' kien prevedibbli li l-iskola tirrifondi din il-'kontribuzzjoni' li kienet saret mill-koppja mill-flus tal-komunjoni, il-hlas relattiv u z-zamma tal-flus mill-konvenuta, hija prova gdida li din il-Qorti tqis li ghandha tigi kkunsidrata fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif ipprovdut mill-ewwel Qorti. Kwindi, in aggunta ma' dak li ordnat l-ewwel Qorti, tordna wkoll lil konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €524.11, rapprezentanti s-sehem tal-attur mir-rifuzjoni li saret mis-St. Martin's Foundation liz-zewg partijiet.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell incidentali tal-attur billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell principali tal-konvenuta u mir-rikorsi tal-attur tat-2 ta' Lulju 2012, u tat-28 ta' Settembru 2012, billi tilqa' l-istess in parte, u dan billi tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti <u>hlief</u> li tvarjaha biss kif u sa fejn sejjer jinghad: (a) billi tirrevoka l-partijiet tas-sentenza marbuta mal-"Kura u Kustodja" u "Manteniment" tal-minuri, u tipprovdi minflok ghal minuri kif stabbilit fil-paragrafu 17 (i) (ii) (iii) aktar qabel f'din is-sentenza; u (b) billi fis-sezzjoni intestata "Komunjoni tal-Akkwisti" izzid billi tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €524.11, kif fuq inghad. Ghall-bqija, is-sentenza tal-ewwel Qorti qed tigi konfermata.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li l-ispejjez marbuta mal-appell principali u dak incidentali ghandhom jithallsu kollha kwantu ghal tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-konvenuta appellanti, u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------